**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 14 ta' Mejju 2018**

**Kumpilazzjoni numru 1229/10**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Ronald Farrugia**
**(ID: 120985M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ronald Farrugia** talli fit-8 ta' Mejju 2009 ghall-habta ta' 1.30pm fl-Imsida, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura, liema hsara tammonta ghal €174.70 ghad-dannu ta' Guzeppi Vella.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Prim'Imhallef tas-26 ta' Ottubru 2018 wara li l-kawza kienet thalliet *sine die* fit-22 ta' Ottubru 2013 minn din il-Qorti diversament presjeduta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-imputazzjoni kif dedotta llum taqa’ fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-Ufficjal Prosekutur tiddikjara illi l-kwerelant miet fil-mori ta’ dawn il-proceduri u ghalhekk din il-Qorti mhux se jkollha l-opportunita` li terga’ tisma’ x-xhieda tieghu stante li d-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ma kinitx giet traskritta in atti;

Ghaldaqstant il-Qorti, fin-nuqqas tax-xhieda tal-parti leza, tiddikjara lill-imputat **Ronald Farrugia** mhux hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur